MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2004

Numru. 782/2002

PULIZIJA
SPETTUR CHRIS PULLICINO
VS
STEFAN XUEREB

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Stefan Xuereb ta' 40 sena imwieled Attard fit-18 ta' Mejju 1962 iben Joseph u Anna nee Bonello u joqghod 3, Quarries Street, Mosta Id 455662M talli bejn Gunju u Lulju tal-2002 f'dawn il-gzejjer b'diversi atti wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda u cioe:-
Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-kumpanija UCIM Co Ltd ta' UCIM Buildings B' Kara Road, B'Kara u tad-diretturi taghha cioe il-Profs John Mamo u s-Sinjorina Francesca Mamo weggaghhom bi kliem, b'gesti u b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor, liema ingurja saret b'kitba b'figuri jew disinji imxandrin jew esposti fil-pubbliku u dan

bi ksur tal-Artikolu 252(3) u l-Artikolu 18 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-verbal tad-difiza tal-14 ta’ Jannar 2003 li fih gie sollevat illi l-pubblikazzjoni lamentata kienet ezenti mill-procediment penali stante li kienet protetta taht Art 33 tal-ligi tal-istampa peress illi hija kopja fidila ta' att gudizzjarju acessibbli ghal pubbliku, konsegwentement il-fatt ma jikkostitwiex reat.

Rat il-verbal tal-prosekuzzjoni fejn gie rilevat illi l-imputat kien jinstab mixli mhux bil-ligi tal-istampa izda bir-reat kontemplat taht Artikolu 252(iii) tal-Kodici Kriminali fejn l-unika difiza hija dik tal-verita tal-fatt f’kaz fejn il-persuna aggravata tkun ufficjal pubbliku – (253);

Rat il-verbal ulterjuri tad-difiza fejn gie ribadiet illi a tenur ta’ l-Art 256 tal-kap 9 f’kaz ta’ defamazzjoni bil-mezz tal-istampa il-provedimenti tal-Press Act japplikaw.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet tal-socjeta kwerelanta UCIM Ltd tas-27 ta’ Frar 2003.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-imputat tal-25 ta’ Marzu 2003 u dik tad-29 ta’ Awissu 2003.

Rat in-nota tal-Kummissarju tal-Pulizija tal-24 ta’ Settembru 2003.

Ikkunsidrat:-

Illi fil-qosor il-pubblikazjoni lamenata mis-socjeta kwerelanta hija leaflet dok B a fol 18.

Dan huwa leaflet stampat li fih jikkontjeni riproduzzjoni fidila ta’ att gudizzjarju cioe protest stampat u ippubblikat

fil-gazzetta, The Malta Independent mahruga fis-16 t'April 2002. Dan il-leaflet jikkontjeni l-kliem precizi tal-protest innifsu u  bil-lingwa Maltija u il-faccata l-ohra tal-leaflet tikkontjeni reassunt bl-ingliz tal-istess protest.

In breve, is-socjeta kwerelanti u l-Kummissarju tal-Pulizija isostnu illi l-fatti specie tal-kaz jaqghu car u tond taht ir-reat kontemplat fl-Art 252 tal-kap 9, fejn, fil-mankanza  ta' ufficjal pubbliku m'hiex permessibbli d-difiza tal-verita' tal-fatti. Illi gialadarba l-akkuza harget taht l-ambitu tal-Kodici Kriminali, l-imputat u l-Qorti ma jistghux jinvokaw disposizzjonijiet minn kamp legali ghal iehor. (ara para 6 tan-nota a fol 27)

Illi in oltre l-imputat ma jistghax jgawdi mill-immunita taht il-Press Act ghaliex mhuwiex gurnalista u ghaliex kif deciz fis-sentenza Ian Ciappara vs Island Hotels Group Limited deciza fl-10 ta' Lulju 2000, tali privileggi jestendu ghal cirku ristrettiv hafna ta' individwi.

L-imputat min-naha l-ohra jishaq illi l-leaflet kien kopja fidila tal-protest gudizzjarju li gie rapurtat fil-gazzetta The Malta Independent ts-16 t'April 2001 ui bhala tali jgawdi minn immunita mahsuba fl-Art 33(d) tal-kap 248.

Ikkunsidrat:-

Il-Qorti sejra tibda biex tezamina id-diversi disposizzjonijiet tal-ligi vantati mill-partijiet.

Illi id-disposizzjonijeit tal-ligi li jirrigwardaw il-malafama mahsuba taht il-Kodici Kriminali huma is-segwenti:-
Art 252 tal-kap 9jipprovdi:-
**"(1) Kull min, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' xi hadd, iwegghu bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn tlet xhur jew il-multa"**

Art 253(1) tal-kap 9 jipprovdi:-
**"L-imputat tad-delitt imsemmi fl-ahhar artikolu qabel dan ma jistax, biex jehles il-htija, jipprova li l-fatt**

**attribwit lill-persuna offiza huwa veru jew maghruf minn kullhadd"**

In oltre Art 253(2) tal-kap 9 jipprovdi:-
**"Izda l-prova tal-verita tista ssir:-**
**(a) jekk l-offiz ikun ufficjal jew impjegat pubbliku, u l-fatt attribwit lilu jkollu x'jaqsam ma l-esercizzju tad-dmirijiet tieghu, u jekk l-imputat, fil-bidu tas-smiegh tal-kawza, jiehu r-responsabbilita ta' l-ingurja u jiddikjara illi b-difiza tieghu jrid jaghmel il-prova tal-verita tal-fatt attribwit minnu lill-offiz: Izda din id-disposizzjoni ma tghoddx fil-kaz tar-reati ikkontemplati fl-artikoli 93 u 95;**
**(b) jekk il-kwerelant jitlob formalment illi fis-smiegh tal-kawza jigi wkoll zgurat jekk hux veru jew falz il-fatt attribwit lilu."**

Di piu Art 256(1) tal-kap 9 jipprovdi:-
**"Fil-kazijiet ta' ingurja li ssir bil-mezz ta' l-istampa, ighoddu id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Istampa".**

Mill-banda l-ohra l-Art 33(d) tal-Press Act (kap 248) jipprovdi:-
**"Ma tista tittiehed ebda azzjoni dwar il-pubblikazzjonijiet li gejjin:-………………..**
**(d) pubblikazzjonijiet ta' rapporti ta' procedimenti f'Qorti tal-gustizzja f'Malta, kemm il-darba dawk ir-rapporti jkunu rapporti gusti tal-procedimenti u l-pubblikazzjoni ta' dawk ir-rapporti jew procedimenti ma tkunx projbita b'ligi jew mill-Qorti: Izda ma jkunux jistghu jigu publikati:**
**(a) xi haga li, bl-artikolu 994 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, hi projbita li tigi wzata jew prodotta, jew**
**(b) xi rapport tal-procedimenti f'xi kaz ta' malafama, li fiha l-prova tal-verita tal-fatti attribwiti ma tkunx tista ssir bil-ligi."**

Illi mill-esposizzjoni tad-disposizzjonijiet tal-ligi li jistghu japplikaw ghal kaz, johrog car illi il-kaz sejjer jippernja fuq <u>il-manjiera jew mezz</u> li biha saret l-ingurja. Infatti, f'para. 4 tan-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta kwerelanti, l-

istess socjeta' tissottolinea is-separazzjoni taz-zewg azzjonijiet u cioe' li f'kazijiet ta' ingurja li ssir bil-mezz tal-Istampa, jghoddu id-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Istampa (ara Art 256(1)); u in mankanza ta' ingurja permezz tal-istampa japplikaw l-Art 252 – 256 tal-kap 9.

X'tip ta' ingurja jikkostitwixxi l-leaflet Dok B? Huwa ingurja bil-mezz tal-istampa jew le?

Il-leaflet, jekk wiehed jista jsejjahlu hekk, Dok B, huwa pagna b'kontenut stampat li jikkontieni fuq lat wiehed il-kliem precizi ta' att gudizzjarju ppresentat il-Qorti u imxandar fuq il-gazzetta The Malta Independent mhar is-16 t'April 2001 bil-lingwa Maltija. Fuq l-att l-iehor, l-leaflet jikkontjeni riassunt fidil tal-istess protest bil-lingwa Ingliza.

Id-definizzjoni ta' dak li jista jinkwadra ruhu taht materja stampata hija kontenuta fl-Art 2 tal-kap 248 li jipprovdi definizzjonjiet fost ohrajn tas-segwenti:-
**"pubblikazzjoni" tfisser kull att li bih kull stampat jigi jew jista jigi ikkomunikat jew imgharraf lil xi persuna jew li bih kliem jew immagini vizwali jigu imxandra;**

**"stampat" tfisser kull kitba stampata b'tipi tipografici jew bil-litografija jew b'mezzi jew processi ohra bhal dawn fuq karta jew sustanza ohra, kif wkoll kull kartellun jew avviz iehor li jitwahhal li jkun fih xi sinjal jew kitba miktuba, stampata, impingija, rizaltata jew xort'ohra impressa, u tinkludi kull diska, tape, film jew mezz iehor li bih kliem jew immagini vizwali jistghu jinstemghu, jitwasslu jew jigu riprodotti;**

**"xandir" tfisser it-trasmissjoni permezz ta' fili jew minn gewwa l-arja, inkluza wkoll permezz ta' satellita, f'ghamla kodifikata jew mhijiex; ta' kliem jew immagini vizivi, sew jekk dawk il-kliem jew immagini jkunu fil-fatt ricevuti minn xi persuna sew jekk le."**

Illi huwa evidenti illi l-leaflet koncernat jinkwadra ruhu car u tond f'ambitu tad-definizzjoni ta' "pubblikazzjoni" u "stampat" imfissra fl-Art 2 tal-kap 248.

Illi gia la darba gie stabbilit illi l-mezz tal-ingurja hija l-istampa, hija taht l-Press Act, bl-eccezzjonijiet u immunitajiet kontemplati fiha, li dan l-kaz ghandu jigi gudikat.

Illi ghalhekk jrid jsir ezami akkurat sabiex jigi deciz kemm il-darba l-imputat gawdiex mill-immunita msemmija taht Art 33(d) tal-Press Act u jekk din l-immunita giet menominata b'xi mod bil-gurisprudenza kostanti taghha.

Illi ma hemm dubbju ta' xejn u huwa fatt inkontestat bejn il-partijiet, illi l-kontenut tal-leaflet huwa kopja fidila tal-protest gudizzjarju presentat fil-Qorti u imxandra fil-gazzetti. Daqshek iehor huwa inkontestat illi fil-gurisprudenza nostrali, 'protest' huwa att gudizzjarju u bhala tali huwa "att ta' procediment", u ghalhekk jaqa taht il-protezzjoni mahsuba fl-Art 33(d) tal-kap 248, a meno che ma jkunx milqut mill-eccezzjonijiet mahsuba fil-proviso (a) u (b) tal-istess subartikolu.

X'inhuma dawn l-eccezzjonijiet?

Ic-cirkostanzi mahsuba taht proviso (a) u cioe dawk previsti fl-Art 994 tal-kap 12 li jikkontemplaw kazijiet ta' disprezz tal-Qorti, zgur li ma jinkwadrawx f'dan il-kaz.

Ghar-rigward l-eccezzjonijiet mahsuba taht il-proviso numerat (b) tal-istess subartikolu, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-anqas din l-eccezzjoni ma' sserrah il-kaz tal-prosekuzzjoni.

Dan qieghed jinghad il-ghaliex din l-eccezzjoni tolqot fil-fehma ta' din il-Qorti:

1. procedura ta' malafama mahsuba taht il-Kodici Kriminali fejn il-verita tal-fatti ma tkuns tista ssir bil-ligi li kif gia intqal mhuwiex il-kaz odjern, u
2. kawzi ta' malafama taht il-Press Act fejn il-verita tal-fatti ma tkunx tista ssir bil-ligi. F'dan ir-rigward il-Qorti rat bir-reqqa l-Art 12 tal-kap 248 u hi tal-fehma illi c-cirkostanzi mahsuba taht Art 12(1)( c ) tal-kap 248 jeliminaw id-divjett tal-ligi dwar il-verita tal-fatti.

Illi ghalhekk l-anqas din l-eccezzjoni ma tagevola il-kaz tal-prosekuzzjoni.

Illi skond il-gurisprudenza Maltija (ara Ian Ciappara vs Island Hotel Groups Limited et deciza fl-10 ta’ Lulju 2000) il-Qrati Maltin rritenew illi il-protezzjoni taht il-Press Act ghandha tigi interpretata b’mod ristretta u esetiza biss ghal “kazijiet indikati mill-ligi.” Infatti l-istess Qorti ghamlitha cara illi din il-protezzjoni testendi precizament ghall-:
”gudikanti, avukati, xhieda u il-partijiet innifishom u fl-ahhar, kaz imsemmi, rilevanti ghal kaz in materja, gie stabbilit ili l-ebda azzjoni ma tista tittiehed fil-konfront tieghu ghal dak minnu dikjarat “in any pleading answer to interrogation, or affidavit, or in the course of conduct of his own defence in person with civil or criminal or for instructions given for the preparation of a pleading or like document”
In sostenn ma tali gurisprudenza, din il-Qorti hi tal-fehma illi protest huwa wiehed mill-ewwel atti gudizzjarji f’bidu ta’ litigazzjoni bejn il-partijiet.

Infatti l-atti gudizzjarji imsemmija fis-sentenza citata huma ferm aktar ampji u “all inclusive” u ghalhekk certament ‘protest’, jinkwadra ruhu kommodament fl-atti gudizzjarji dettaljament mahsuba fis-sentenza “Ciappara vs Island Hotel Group Limited”.

Indubitament, l-imputat, bhala persuna li ppropona l-protest gudizzjarju ghandu jitqies bhala “parti” fit-termini tal-ligi ghaliex protest gudizzjarju jfisser stat ta’ litigazzjoni bejn il-partijiet.

Din il-Qorti tixtieq tindirizza l-ipotesi imsemmi f’para 12 tan-nota ta’ osservazzjonijiet tas-socjeta kwerelanta (ara fol 30 tal-process).

Illi l-intenzjoni tal-legislatur fil-promulgazzjoni tal-att dwar l-Istampa (kap 248) kienet u ghadha wahda abbastanza cara u cioe li fl-interess tad-demokrazija, il-liberta tal-istampa u fl-interess tad-“due process” il-legislatur Malti kien tal-fehma illi certi individwi f’certi cirkostanzi jehtiegu

il-protezzjoni mir-rigorosita’ tal-ligi tal-Malafama taht il-Kodici Kriminali.

Illi dan ma jfissirx illi l-protezzjonijiet estizi ma jhallux “casualties”. Ta’ kulljum fil-gazzetti Maltin jigu rappurtati numru konsiderevoli ta’ individwi mixlija b’diversi reati. Meta, anki snin wara, xi whud minnhom jigu liberati, mhux dejjem jigi rapurtat dan l-istat ta’ fatt u certament ir-rapurtagg mhux dejjem jinghata il-prominenza li biha kienu imxandra l-akkuzi originali.

Dan huwa stat ta’ fatt, ghalkemm wiehed mhux felici li jesisti mhux biss f’Malta izda jippermea id-demokraziji kollha tal-Punent.

Ili ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa l-linja difensjonali tal-imputat, tiddikjara illi leaflet B bhala protett bl-Art 33(d) tal-kap 248, tiddikjara ghalhekk illi l-fatti lamentati ma jikkostitwux reat u ssib lill-imputat mhux hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------